

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 11.2.2011  
KUMM(2011) 57 finali

2011/0028 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tawtorizza l-iffirmar ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA**

Bl-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika tar-Rumanija, l-Unjoni Ewropea kabbret l-unjoni doganali tagħha. Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea kienet obbligata skont ir-regoli tad-WTO (GATT Artikolu XXIV:6) li tidħol f'negozjati mal-Membri tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozju fi skedi ta' kwalunkwe mill-Membri tal-adeżjoni sabiex jinkiseb qbil dwar aġġustament kumpensatorju. Tali aġġustament ikun dovut jekk l-adozzjoni tar-reġim estern tat-tariffi tal-UE jirriżulta f'żieda fit-tariffa lil hinn mil-livell li l-pajjiż tal-adeżjoni ntrabat għalih fid-WTO, filwaqt li "jitqies sew it-tnaqqis tad-dazji fuq l-istess linja tariffarja li sar minn kostitwenti oħrajn tal-unjoni doganali malli ġiet iffurmata".

Fid-29 ta' Jannar 2007, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati bis-saħħa tal-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994. Il-Kummissjoni nnegozjat mal-Membri tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar fir-rigward tal-irtirar ta' konċessjonijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-irtirar tal-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika tar-Rumanija, matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea.

In-negozjati ma' New Zealand rriżultaw f'abbozz ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li beda fis-7 ta' Settembru fi Brussell.

### **2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni fil-qafas tad-direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill.

### **3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta titlob lill-Kunsill biex jawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri ma' New Zealand. B'mod parallel, qiegħda titressaq wkoll proposta separata dwar il-konklużjoni ta' dan il-Ftehim.

B'riżultat ta' dan, ir-Regolament ta' implimentazzjoni se jiġi adottat mill-Kummissjoni, kif previst fl-Artikolu 144 tar-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq Unika (OKS) (ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007).

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza l-iffirmar ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Jannar 2007 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' ċerti Membri oħrajn tad-WTO skont l-Artikolu XXIV:6 tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994, matul l-adeżjonijiet fil-Komunità Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika tar-Rumanija.
- (2) In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni fil-qafas tad-direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill.
- (3) Dawn in-negozjati ġew konklużi u nbeda Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea fis-7 ta' Settembru 2010.
- (4) Dan il-Ftehim għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea b'dan qiegħed jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea, suġġett għall-konklużjoni tal-ftehim imsemmi.

It-test tal-Ftehim li għandu jiġi ffirmat huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi [...],

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## ANNEX

### FTEHIM FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI

bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea

#### *A. Ittra mill-Unjoni Ewropea*

[...], [...]

Sinjur,

Wara n-negozjati skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (GATT) fir-rigward tal-modifika fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea, għandi l-unur nipproponi dan li ġej:

1. L-Unjoni Ewropea għandha tinkludi fl-iskeda tagħha, għat-territorju doganali tal-UE 27, il-konċessjonijiet li jinsabu fl-iskeda tal-UE 25 bil-modifiki li ġejjin:

Żid 400 tunnellata (piż tal-karkassa) mal-allokazzjoni għal New Zealand taħt il-kwota tar-rata tariffarja tal-UE 'il-laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat', filwaqt li żżomm dan fir-rata tal-kwota ta' 0 %.

Oħloq allokazzjoni *erga omnes* ta' 200 tunnellata (piż tal-karkassa) skont il-kwota tar-rata tariffarja tal-UE 'il-laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat', filwaqt li żżomm dan fir-rata tal-kwota ta' 0 %.

Aġġusta l-kwota tar-rata tariffarja tal-UE 'nagħaġ ħaj, għajr l-annimali tar-razza pura għat-tniissil' b'rata fil-kwota ta' 10 %, billi tneħħi l-allokazzjonijiet ta' 1010 tunnellata (ir-Rumanija) u 4255 tunnellata (il-Bulgarija).

Aġġusta l-kwota tar-rata tariffarja tal-UE 'il-laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat' b'rata fil-kwota ta' 0 %, billi tneħħi l-allokazzjonijiet ta' 75 tunnellata (ir-Rumanija) u 1250 tunnellata (il-Bulgarija).

Biddel id-definizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja tal-UE ta' 1300 tunnellata 'ċanga ta' kwalità għolja' fl-iskeda tad-WTO tal-UE għal: 'Laħam ta' kwalità għolja ta' annimali bovini frisk, imkessaħ jew iffriżat. Pajjiż fornitur New Zealand. Il-kwalifika għall-kwota hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-UE'.

2. L-Unjoni Ewropea għandha wkoll tissostitwixxi d-definizzjoni ta' ċanga ta' kwalità għolja fir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea li qegħdin jimplimentaw din il-kwota b'dan li ġej: 'Qatgħat taċ-ċanga magħżula li ġejjin minn għoġġiela jew erieħ li jieklu biss ħaxix tal-mergħat, li l-karkassi tagħhom meta jkunu mnaddfa (dressed) għandhom piż ta' mhux aktar minn 370 kilogrammi. Il-karkassi għandhom jiġu kklassifikati A, L, P, T jew F, il-ħxuna tax-xaħam tinqata' għal P jew inqas u jkollhom klassifikazzjoni tal-muskoli ta' 1 jew 2 skont is-sistema tal-klassifikazzjoni tal-karkassi amministrata mill-Bord tal-Laħam ta' New Zealand'.

3. New Zealand taççetta l-approçè tal-Unjoni Ewropea għall-kalkolu skont il-bażi netta tal-kwoti tar-rata tariffarja bħala mod kif jiġu aġġustati l-obbligi tal-GATT tal-UE 25 u dawk tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija wara t-tkabbir reċenti tal-Unjoni Ewropea.

4. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jistgħu jsiru konsultazzjonijiet fi kwalunkwe mument fir-rigward ta' kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet imsemmijin hawn fuq.

Napprezza jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.. Jekk dan huwa l-każ, din l-ittra u l-konferma tiegħek flimkien għandhom jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (il-'Ftehim').

L-Unjoni Ewropea u New Zealand għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fi żmien 14-il ġurnata wara d-data tal-wasla tal-aħħar notifika.

Dejjem tiegħek

Għall-Unjoni Ewropea

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra ta' [...], li taqra kif ġej:

"Wara n-negozjati skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (GATT) fir-rigward tal-modifika fl-Iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea, għandi l-unur nipproponi dan li ġej:

1. L-Unjoni Ewropea għandha tinkludi fl-iskeda tagħha, għat-territorju doganali tal-UE 27, il-konċessjonijiet li jinsabu fl-iskeda tal-UE 25 bil-modifiki li ġejjin:

Żid 400 tunnellata (piż tal-karkassa) mal-allokazzjoni għal New Zealand taħt il-kwota tar-rata tariffarja tal-UE 'il-laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat', filwaqt li żżomm dan fir-rata tal-kwota ta' 0 %.

Oħloq allokazzjoni *erga omnes* ta' 200 tunnellata (piż tal-karkassa) skont il-kwota tar-rata tariffarja tal-UE 'il-laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat', filwaqt li żżomm dan fir-rata tal-kwota ta' 0 %.

Aġġusta l-kwota tar-rata tariffarja tal-UE 'nagħaġ ħaj, ġhajr l-annimali tar-razza pura għat-tnissil' b'rata fil-kwota ta' 10 %, billi tneħħi l-allokazzjonijiet ta' 1010 tunnellata (ir-Rumanija) u 4255 tunnellata (il-Bulgarija).

Aġġusta l-kwota tar-rata tariffarja tal-UE 'il-laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat' b'rata fil-kwota ta' 0 %, billi tneħħi l-allokazzjonijiet ta' 75 tunnellata (ir-Rumanija) u 1250 tunnellata (il-Bulgarija).

Biddel id-definizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja tal-UE ta' 1300 tunnellata 'ċanga ta' kwalità għolja' fl-iskeda tad-WTO tal-UE għal: 'Laħam ta' kwalità għolja ta' annimali bovini frisk, imkessaħ jew iffriżat. Pajjiż fornitur New Zealand. Il-kwalifika għall-kwota hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-UE'.

2. L-Unjoni Ewropea għandha wkoll tissostitwixxi d-definizzjoni ta' ċanga ta' kwalità għolja fir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea li qegħdin jimplimentaw din il-kwota b'dan li ġej: 'Qatgħat taċ-ċanga magħżulin li ġejjin minn għoġġiela jew erieħ li kielu biss ħaxix tal-mergħat, li l-karkassi tagħhom meta jkunu mnaddfa (dressed) għandhom piż ta' mhux aktar minn 370 kilogrammi. Il-karkassi għandhom jiġu kklassifikati A, L, P, T jew F, il-ħxuna tax-xaħam tinqata' għal P jew inqas u jkollhom klassifikazzjoni tal-muskoli ta' 1 jew 2 skont is-sistema tal-klassifikazzjoni tal-karkassi amministrata mill-Bord tal-Laħam ta' New Zealand'.

3. New Zealand taċċetta l-approċċ tal-Unjoni Ewropea għall-kalkolu skont il-bażi netta tal-kwoti tar-rata tariffarja bħala mod kif jiġu aġġustati l-obbligi tal-GATT tal-UE 25 u dawk tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija wara t-tkabbir reċenti tal-Unjoni Ewropea.

4. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jistgħu jsiru konsultazzjonijiet fi kwalunkwe mument fir-rigward ta' kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet imsemmijin hawn fuq.



Napprezza jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.. Jekk dan huwa l-każ, din l-ittra u l-konferma tiegħek flimkien għandhom jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (il-'Ftehim').

L-Unjoni Ewropea u New Zealand għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fi żmien 14-il ġurnata wara d-data tal-wasla tal-aħħar notifika.

Għandi hawnhekk l-unur li nesprimi l-qbil tal-Gvern tiegħi mal-ittra ta' hawn fuq.

F'isem New Zealand